stampat u mifhum.
1936, u nittamaw li għad jidher stampat u mifhum.
Qabel nagħlaq din il-bijografija ma rridx ninsa nsemmi r-
rumanz tiegħu *Taħt id-Dell tal-Piramidi* miktub fl-1934 għall-
konkors imniedi mill-Gvern ta' Malta bis-saħħa tat-Tabib Ġużè
Bonnici (R.J.P.) u li ssemma b'ġieħ mill-eżaminaturi. Dan ir-
rumanz ma laħaqx deher stampat u issa (xi dnub!) intilef fost
il-ħerba ta' dar Maltija (ta' ħu Fredu li joqgħod f'tas-Sliema)
milquta b'bomba ta' l-egħdewwa.

I.M.A.

San Ġiljan.

---

## QUDDIEM IL-MADONNA TAL-KORIN

*Ta'* P. VAL. V. BARBARA, O.P.

X'jimporta 'kk mintix għaġeb ta' pittura!
Hawnhekk f'riġlejk tinħass saltna ta' sliem
Li taf il-ġenna, u minn għajnejk miksura
Donnha tissawwab ħniena mingħajr tmiem.
F'sura ta' warda f'fommok tfeġġ tbissima
Li tberred l-eqqel xrar tad-deħ'n u l-qalb,
U trażżan lejk fi rbit ta' mħabba u qima
Qawwet ir-ruħ hekk kif tistrieħ fit-talb.
Hsiebi jintrafa', u bħal itir madwarek,
U ninsa ferħ u dwejjaq, saħħa u mard;
Jiskot kull ħoss, u mxennaq biss għal darek
L-ispirtu tiegħi jogħxa 'l fuq mill-art.
U nħossni qribek f'dan is-skiet divin,
Madonna ħelwa tagħna tal-Korin.

## IL-GĦANJA TIEGĦI

*Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

Jien twelidt fi ħdan l-imħabba,
Għixt bl-imħabba w biha mmut,
Jekk min-nies joftomni l-qabar
Noqgħod waħdi nħobb id-dud.
Għax l-imħabba poeżija,
Fiha biss qalbi tistrieħ,
Nibqa' nħobb u nħobb kemm niflaħ,
Halli n-nies taħqarni sħiħ!



# Mons. F. S. CARUANA Isqof ta' Malta (1759-1847).

*Ta'* ROB. MIFSUD BONNICI

XI AWTURI jfaħħruh u jpinġuh bħala patrijott, difensur ta' art twelidu, filantropu - igħin il-foqra, industrjalist: waqqaf l-industrja ta' l-insiġ f'Ħaż-Żebbuġ fejn twieled, trabba u għex; intrapprenditur qalbieni: fetaħ Istituti tal-Karità; Ġeneral ta' l-Armata Maltija fir-rewixta tal-Maltin kontra l-ħakma Franċiża, liberatur ta' Malta mill-jasar tal-Franċiżi fl-1798-1800 u bħala Isqof ta' Malta mexxa d-Djoċesi bl-għaqal u l-qies ta' Aristide. Xi wħud iżda jżommuh b'egojist, supperv, ambizzjuż, opportunist, traditur!

Fco. Saverio Caruana studja fis-Seminarju taħt il-għaref professur Dun Mikiel Xerri, sar saċerdot u laħaq professur tat-teoloġija, tal-latin, tat-taljan, tal-matematika u tal-filosofija Papa Ljun VII, il-Priġunier ta' Napuljun, ħatru Arċidjakonu tal-Kattidral. Napuljun Bonaparti ħataf Malta minn idejn l-Ordni Ġerosolmitan, u wara li seraq u faqqar Malta, in-nies ixxewxet, rażżnet, rebħet u bis-saħħa ta' Mons. Caruana nxeħtet f'dirgħajn l-Ingilterra. Naraw lil Mons. Caruana Rettur Manjifiku ta' l-Università, waqqaf il-kattedri tad-"Diritto Canonico" u ta' li "Storia Ecclesiastica"; President tal-Kumitat Sanitarju matul il-pesta ta' l-1813, President ta' l-Isptarijiet u tal-Karità, Protettur tax-Xjenzi u ta' l-Arti b'diploma tar-Re George IV, Vigarju Ġenerali ta' Mons. Isqof Mattei, maħtur Isqof ta' Malta minn Papa Girgor XVI. Miet fis-17 ta' Novembru, 1847 (L'Arte N. 43, Agosto, 1864).

Sir Temi Zammit igħarrafna li fir-Rewixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, il-Kan. Caruana kien jagħmel minn Ħaż-Żebbuġ u mir-rħula ta' madwaru; Manwel Vitale kien jagħmel mill-Imdina, u Ċensu Braret minn Birkirkara...... Miet Labini, 1807, il-Gvern Ingliż irrikkmanda għal Isqof ta' Malta lill-Kan. Ca-